# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza ta' nhar it-12 ta' Marzu 2024**

**Talba nru. 98/2023**

**VODAFONE MALTA LIMITED ILLUM
EPIC COMMUNICATIONS LIMITED
(C10865)**

*VERSUS*

**VINCENT PACE
(KI 209480M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi permezz ta' Avviz ipprezentat fit-23 ta' Marzu 2023 is-socjeta attrici talbet lill-konvenut ihallas l-ammont ta' elfen u erbghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (Eur 2040.95) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kontijiet numri 5.11378.00.00.100001 u 5.11378.00.00.100002 fuq talba u beneficcju ta' l-intimat u dan kif jirrizulta mill-faturi ipprezentati a fol. 4 sa fol. 5, bl-ispejjez u bl-imghax sal-pagament effettiv.

Ra illi s-socjeta attrici kellha tadopera l-procedura ta' l-affissjoni li saret fit-8 ta' Jannar 2024 fl-indirizz tax-Xghajra u dan wara illi l-ewwel indirizz tar-residenza ma kienx korrett, kif ukoll pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern datata 23 ta' Jannar 2024 (Fol.26) u pubblikazzjoni f'gazzetta lokali datata 30 ta' Jannar 2024 (Fol.25) sabiex tezawriex il-procedura tan-notifika tal-konvenut.

Ra illi fis-seduta ta' l-1 ta' Frar 2024, kien ghadu ghaddej zmien ghar-risposta tal-konvenut.

Ra illi fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2024, minkejja li debitament notifikat, l-konvenut ma deherx ghall-udjenza u lanqas deher xi difensur ghalih sabiex iwiegeb ghat-talbiet attrici.  Minbarra hekk, il-konvenut naqas ukoll milli jipprezenta risposta fit-terminu moghti mil-ligi.

Ra illi ghaldaqstant dawn in-nuqqasijiet tal-konvenut irrendew lill-istess konvenut bhala kontumaci.

Ra illi s-socjeta attrici irrimettiet ruhha ghad-dokumenti ipprezenati mat-talba, flimkien ma' l-affidavit ta' Dr. Jeremy Debono in rapprezentanza tas-socjeta attrici li iddikjara illi l-konvenut ghadu debitur fil-konfront tas-socjeta attrici fl-ammont ta' elfejn u erbghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (Eur 2040.95). In sostenn ta' dak dikjarat, ix-xhud ipprezenta r-rendikont li jwasslu ghal bilanc dovut.

Ra l-atti processwali kollha.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2024 l-konvenut minkejja li kien gie debitament notifikat bl-atti processwali, la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza msemmija li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti. Tali konvenut, ghalhekk, kien gie dikjarat fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-imsemmija udjenza.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Illi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas talkonvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Subtitolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Illi ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi.

Illi fl-istess udjenza l-kawza thalliet ghas-sentenza abbazi tal-materjal probatorju sa dakinhar migbur in atti, u dan bl-adoperu tas-sucitat Artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi t-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta attrici da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta ghamel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut/socjeta konvenuta. (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u l-affidavit ta' Dr. Jeremy Debobo, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li s-socjeta attrici timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba.

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mis-socjeta attrici u anke bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta t-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin.

**Decide**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex jhallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta' elfejn u erbghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (Eur 2040.95) bl-imghaxijiet mit-23 ta' Marzu 2023 sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri,huma kollha a kariku tal- konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur